

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-2 ta' Marzu 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Judeċtoria Balş – Județul Olt – ir-Rumanija) – SC Casa Noastră SA vs Ministerul Transporturilor – Inspectoratul de Stat pentru Controlul īn Transportul Rutier ISCTR**

(Kawża C-245/15) <sup>(1)</sup>

*(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Trasport bit-triq — Dispożizzjonijiet soċjali — Derogi — Regolament (KE) Nru 561/2006 — Artikolu 3(a) — Regolament (KE) Nru 1073/2009 — Il-punt 3 tal-Artikolu 2 — Servizzi regolari li jiżguraw it-trasport tal-passiġġieri — Kunċett — Trasport b'xejn organizzat minn operatur ekonomiku għall-impiegati tiegħi, lejn u mill-post tax-xogħol, f'vetturi li jappartjenu lilu u misjuqa minn wieħed mill-impiegati tiegħi)*

(2017/C 121/02)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

#### Qorti tar-rinvju

Judeċtoria Balş – Județul Olt

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SC Casa Noastră SA

Konvenut: Ministerul Transporturilor – Inspectoratul de Stat pentru Controlul īn Transportul Rutier ISCTR

#### Dispożittiv

L-Artikolu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-armonizzazzjoni ta' ġerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, kif ukoll il-punt 3 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċċi u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006, għandhom jiġi interpretati fis-sens li s-servizz tat-trasport bejn id-dar u l-post tax-xogħol tal-ħaddiema, organizzat mill-persuna li timpjega lil dawn tal-aħħar u fejn irrotta koperta ma taqbiżx il-50 km, jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, prevista fl-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 561/2006, skont liema dan ir-regolament ma jaapplikax għal tali servizz ta' trasport.

<sup>(1)</sup> ĠU C 337, 12.10.2015.